TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Saviour Abela

vs

Noel Borg - NA Solutions

CCT G3/21/MS

28 ta' Jannar 2022

It-Tribunal,

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-21 ta' Gunju 2021 fejn talab ir-rifuzjoni ta' elf mitejn u hamsin Euro, prezz ta' inverter gdid u ta' erba xhur units, wara li xtara sistema ta' panelli minghand l-azjenda intimata, li waqfet tahdem peress illi l-inverter kien bil-hsara.

Ra illi l-intimat, debitament notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smigh, m'ghamilx risposta u l-intimat Noel Borg ma deherx quddiem dan it-Tribunal meta hekk imsejjah.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi u mhux kontestat li r-rikorrent xtara sistema ta' pannelli minghand is-socjeta' intimata fis-sena 2014. Xi seba' snin wara din gratilha l-hsara u waqfet tahdem. Fil-24 ta' Jannar 2021 xi hadd mis-socjeta' gie jaghmel spezzjosi u rrizulta illi l-inverter kienet bil-hsara u kellu bzonn jinqala biex jigi kkonstatat jekk jistax jitranga. Sa gimgha wara r-rikorrent baqa' bla risposta. Ir-rikorrent jghid li kien jipprova jcempillu kuljum, pero kien anke jaqla t-telephone u jibghat messagg li ha jcempel lura. F'kelma wahda kien jevita r-rikorrent - daqqa jghidlu li ma kellux parts u ghadhom gejjin jew inkella li t-techinician ma kienx dahal ghax-xoghol. Ir-rikorrent staqsa ghal inverter gdid izda baqa' minghajr twegiba u sal-gurnata tal-lum ma jafx x'sar mill-inverter taghhom. Talab is-somma ta elf mitejn u hamsin Euro (1250) li huwa prezz ta' inverter gdid simili ta' dak li kellu u average ta' erba' xhur units.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal kellu l-opportunita' illi jara l-iskambju ta' messaggi kif ukoll il-call logs li gew esibiti li jikkonfermaw ix-xhieda tar-rikorrent. Dawn gew prezentati mill-mara tieghu illi xehdet f'dawn il-proceduri u esebiet numru ta' dokumenti.

Illi min-naha l-ohra, l-intimat qatt mă deher quddiem dan it-Tribunal u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux versjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta dak li qed jghidu r-rikorrent u l-mara tieghu, apparti l-fatt illi t-Tribunal m'ghandux dubju dwar il-veracita' ta' dak kollu li xehdu.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikkundanna l-intimat ihallsu s-somma ta' elf mitejn u hamsin euro (1250). Bl-ispejjes kontra l-istess intimat/ azjenda intimata.

Michela Spiteri Av.
Arbitru